MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2014

Citazzjoni Numru. 1193/2012

**Systec Limited (C28640]**

**vs**

**Timothy Camilleri f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tas-Socjeta' GeoSys Limited (C52196)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Systec Limited, li permezz tieghu, wara li ppremettiet illi:

Is-Socjeta' Systec Limited permezz ta' kuntratt datat 27 ta' Marzu 2012 (kopja hawn annessa u mmarkata Dok. 'A'), dahlet fi ftehim mas-Socjeta' GeoSys Limited sabiex tforni lill-istess diversi bicciet ta' *hardware* tal-kompjuters kif ukoll sabiex tinstalla u tikkumissjona l-istess;

L-imsemmi Timothy Camilleri bhala Chief Executive Officer (CEO) tas-Socjeta' GeoSys Limited dahal ukoll responsabbli personalment *in solidum* mas-Socjeta' GeoSys Limited tal-obbligi kollha fir-rigward tal-kreditu li s-Socjeta' attrici kienet qed taghti lil GeoSys Limited, u dan skont l-anness dokument li qed jigi mmarkat Dok. 'B';

Il-konvenuti ghandhom jaghtu lis-Socjeta' attrici s-somma ta' tmenin elf, disa' mija u erbgha u tletin ewro u erba' centezmi (€80,934,04) u dan skont prospett hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'C';

Il-konvenuti interpellati, biex ihallsu, baqghu inadempjenti;

L-Avukat Dottor George Cutajar jaf b'dawn il-fatti personalment;

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Talbet is-socjeta' rikorrenti tghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddeciedi dan ir-rikors bid-dispensa tas-smigh a tenur tal-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-Socjeta' attrici s-somma ta' tmenin elf, disa' mija u erbgha u tletin ewro u erba' centezmi (€80,934,04), rapprezentanti hlas dovut kif jinghad fuq skont id-dokument anness u mmarkat Dok. 'C';

Bl-ispejjez, tal-prezenti, dawk tat-taxxa tal-VAT fuq id-drittijiet professjonali, tal-mandat ta' sekwestru li qed jigi prezentat u mahluf kontestwalment ma' dan ir-rikors, tal-ittra ufficjali mibghutha ai termini tal-artiklu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-imghaxijietmid-data tal-konsenja, kontra l-konvenuti, li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' Novembru 2013, fejn il-Qorti akkordat lill-intimat il-fakulta' li jressaq l-eccezzjonijiet.

Rat li, minkejja dan, ebda nota ta' eccezzjonijiet ma tressqet.

Rat in-nota ta' riduzjoni pprezentata fl-20 ta' Novembru 2013, li permezz taghha, l-ammont tat-talba gie ridott ghal €60,934,04.

Semghet lix-xhud viva voce.

Rat id-dokumenti.

Rat li, ghalkemm moghti l-fakulta' li jressaq sottomissjonijiet bil-miktub, dan ghazel li ma jaghmel xejn.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza,

Ikkunsidrat illi t-talba tar-rikorrenti giet pruvata sal-grad rikjest mil-ligi kemm permezz tad-dokumenti kif ukoll permezz tax-xhieda.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici fis-sens li tiddikjara li Timothy Camilleri f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' GeoSys Limited huwa debitur ta' Systec Limited fis-somma ta' sittin elf, disa' mija u erbgha u tletin ewro u erba' centezmi (€60,934.04). Il-Qorti tikkundanna lil Timothy Camilleri f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' GeoSys Limited ihallas lil Systec Limited is-somma ta' sittin elf, disa' mija u erbgha u tletin ewro u erba' centezmi (€60,934.04), bl-ispejjez kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Timothy Camilleri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------